MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 1152/1997/1

Alfred Abela
vs
Kalaxlokk Company Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz tul l-1989 ir-rikorrent sofra ingustizzja billi garrab 'transfer' minghajr ebda raguni valida.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu kif gej:-

Fil-perjodu msemmi r-rikorrent kien ilu jahdem fid-Dipartiment tax-Xogholijiet ghal madwar hdax-il sena, u kien misluf mas-socjeta` intimata bhala Senior Storekeeper. Ghall-habta ta' Gunju 1989 huwa rcieva struzzjonijiet biex jibda jirrapporta ghax-xoghol fil-'Garage' ta' Hal-Kirkop. Bil-mod kif gie mwettaq dan it-'transfer' fil-

konfront tar-rikorrent li sa dakinhar kien responsabbli minn 'store' kbir u eluf ta' liri ta' 'stock', ma nghata l-ebda opportunita` lir-rikorrent illi sahansitra jaghmel 'handover'. Ma kien hemm l-ebda gustifikazzjoni ghat-'transfer' involut. Intant ir-rikorrent tilef 'allowance' ta' tnax-il lira fix-xahar.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li r-rikorrent jithallas kumpens fl-ammont ta' tlett elef u seba' mitt Liri Maltin (Lm3,700.00), jew kull kumpens iehor li joghogbu jistabbilixxi t-Tribunal, ghat-telf li inkorra r-rikorrent kif hawn spjegat.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tas-socjeta` Kalaxlokk Co. Ltd. li eccepiet:

Illi r-rikorrent ilmenta li hu sofra ingustizzja ghax gie 'trasferit' lura mal-Gvern mill-Kalaxlokk u s-secondment tieghu mal-Kalaxlokk gie terminat.

Illi fl-ewwel lok dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni biex jiddeciedi dwar it-talba tar-rikorrent stante li fir-realta` t-talba tar-rikorrent tirrigwarda biss it-terminazzjoni tas-secondment tieghu minn mal-kumpanija. Ir-rikors tar-rikorrent ma jhalli l-ebda dubju f'dan ir-rigward ghax ir-rikorrent stess jghid li hu kien impjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet u li kien 'misluf' mas-socjeta` intimata. It-transfer li qed isemmi mhux xejn hlief il-fatt li ntbaghat lura jahdem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fejn kien jahdem qabel ma gie sekondat mas-socjeta intimata. L-ilment veru tar-rikorrent, ghalhekk, ma jinkwadrax ruhu fl-artikolu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1997. Infatti terminazzjoni ta' sekondment ma tinkwadra ruhha fl-ebda wiehed mill-

paragrafi (a) sa (e) ta' l-ewwel subinciz ta' l-imsemmi artikolu 6. Huwa car li din l-allegazzjoni ma taqax taht l-ebda wiehed mill-paragrafi (c) sa (e) ta' l-imsemmi subinciz. L-allegazzjoni tar-rikorrent lanqas ma tinkwadra ruhha la taht il-paragrafu (a) u lanqas taht il-paragrafu (b) ta' l-imsemmi subinciz (1) tal-artikolu 6 ta' l-Att in kwistjoni.

In fatti, kemm il-paragrafu (a) kif ukoll il-paragrafu (b) jitkellmu dwar "hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti" ta' ufficjali pubblici jew ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi. L-ebda wiehed minn dawn il-paragrafi ma jindika "terminazzjoni ta' secondment" bhala bazi li tirradika l-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ghaldaqstant, ilment dwar terminazzjoni ta' secondment ma jista' jkun qatt ikkunsidrat minn dan it-Tribunal. Jinghad ukoll ghal kull buon fini li "terminazzjoni ta' secondment" qatt ma tista' tigi interpretata bhala trasferiment"

Illi galadarba l-ilment tar-rikorrent dwar it-terminazzjoni tas-secondment tieghu ma jinkwadrax ruhu taht l-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tas-subinciz wiehed (1) ta' l-Artikolu 6 ta' l-Att in kwistjoni, dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jikkunsidra dan l-ilment tar-rikorrent u ghalhekk dan l-ilment tar-rikorrent ghandu jigi michud bl-ispejjez.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, anke li kieku ghas-sahha ta' l-argument "terminazzjoni ta' secondment" kellha titqies bhala "trasferiment" is-socjeta intimata mhix il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez. Infatti, skond l-artikolu 2 ta' l-Att in kwistjoni, "ufficjal pubbliku" ghandha l-istess tifsir kif moghti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni . Ma jistax ikun hemm dubju li r-rikorrent kien ufficjal pubbliku ghax hu stess jghid fir-rikors tieghu li "kien ilu jahdem mad-Dipartiment tax-Xoghlijiet ghal madwar hdax-il sena" u li "kien misluf mas-socjeta` intimata". L-istess kliem tar-rikorrent ghalhekk ma jhalli l-ebda dubju li r-rikorrent stess jammetti li hu baqa' impjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici anke meta huwa kien sekondat ma' Kalaxlokk Company Limited. Ir-rikorrent

ghalhekk qatt u fl-ebda mument ma kien impjegat tas-socjeta intimata. Huwa ovvju li socjeta` kummercjali, anke jekk il-Gvern ikollu "shareholding" sostanzjali fiha, qatt ma tista' tkun f'pozizzjoni li taghti "trasferiment" lil ufficjal pubbliku. Se mai, huwa d-Dipartiment tal-Gvern koncernat li ghandu l-poter li jaghti "transfer" lil ufficjal pubbliku u mhux semplici socjeta` bhal ma hija dik intimata.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak li diga ntqal, fil-mertu, ma saret l-ebda ingustizzja mar-rikorrent. Dan qed jinghad minhabba s-segwenti ragunijiet:

(a) Ir-rikorrent ilmenta li ma kien hemm l-ebda gustifikazzjoni ghat-"transfer" tieghu lura mad-Dipartiment tax-Xogholijiet. Ovvjament, jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova kemm dak li qed jghid kif ukoll il saret mieghu xi distinzjoni, preferenza indebita jew eccezzjoni. Min-naha tas-socjeta` intimata, pero`, gie rilevat li mill-1988 sal-lum, il-haddiema nvoluti fil-progettt tal-bini tal-Freeport naqsu minn izjed minn elf u sitt mitt (1600) haddiem ghal inqas minn hames mija (500). Meta wiehed jiehu kont ta' dan il-fatt, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent dwar it-terminazzjoni tas-secondment tieghu ma jistghux ireggu. Il-fatti juru l-verita`, u l-verita` hi li s-socjeta` intimata irrealizzat li kellha workforce (bejn impjegati u haddiema sekondati maghha minn mal-Gvern) iktar milli kellha bzonn u ghalhekk iddecidiet li bil-mod il-mod tnaqqas il-workforce taghha skond il-htigijiet tax-xoghol.

(b) Ir-rikorrent ilmenta ukoll li b'rizultat tat-terminazzjoni tas-sekondment tieghu minn mas-socjeta` intimata, huwa ma baqax jippercepixxi "allowance" ta' tnax-il lira fix-xahar. Is-socjeta` intimata tixtieq tirrileva li huwa ovvju li jekk ir-rikorrent kien qed jippercepixxi xi allowance mentri kien sekondat mas-socjeta` intimata (u allura din tnaqqsitlu meta mar lura ghax-xoghol normali tieghu mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici), huwa kien qed jaghmel dan minhabba n-natura tax-xoghol li kien qed jaghmel waqt li kien hekk sekondat. Huwa daqstant ovvju li galadarba secondment min-natura tieghu huwa ta'

natura temporanja u qatt ma hu permanenti, ir-rikorrent kien jaf jew imissu kien jaf li kien ser jasal zmien meta s-socjeta` intimata ma kienx ser jibqalha bzonn tas-servizzi temporanji tieghu u li ghalhekk hu kien ser jerga' jmur lura ghax-xoghol normali tieghu mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici bil-konsegwenza necessarja li ma jibqax jippercepixxi l-imsemmija allowance. Fi kliem iehor, ir-rikorrent kien jaf jew imissu kien jaf li tali allowance kienet ser tkun ghal zmien limitat u mhux ghal dejjem u ghalhekk issa ma jistax jilmenta li saret mieghu xi ingustizzja ghax ma baqax jippercepixxi tali allowance.

Illi fi kwalunkwe kaz, il-kumpens fl-ammont ta' tlett elef u seba' mitt lira Maltija (Lm3700) mitlub mir-rikorrent huwa ezagerat.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet jidher car li r-rikorrent ma sofra l-ebda ingustizzja u ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit li fih ikkonferma l-kontenut tar-rikors u qal li dam jahdem mal-Kalaxlokk bhala 'Senior Storekeeper' ghal hdax-il sena, u matul dan il-perjodu kellu tnejn minn nies tahtu. Semma li kien inghata l-grad ta' Works Technical Officer u dan kien ifisser li kien intitolat ghal tnax-il lira fil-gimgha. Qal li meta nghata t-trasferiment l-istruzzjoni kienet verbali biex mit-Tnejn jirraporta Beltissebh u ghalhekk ma kienx f' pozizzjoni li jaghmel 'stock taking' u wisq inqas 'handover'. Qal ukoll li sar jaf li wara li tnehha hu kienet

harget sejha ghall-applikazzjoni ghal Storekeeper mal-Kalaxlokk.

In kontro ezami qal li hass li saret ingustizzja mieghu mhux ghax mill-Public Works mar il-Kalaxlokk izda ghax mill-Kalaxlokk waqqfuh u baghtuh lura l-Public Works. Qal li fi zmien qatt ma kien hemm offerti tal-kumpanija biex impjegati japplikaw u jsiru tal-post mal-Kalaxlokk. Qal ukoll li kien hemm impjegati ohra li kienu gew trasferiti qablu. Sostna li kienu saru applikazzjoni ghal Storeman minn barra u semma li hu ma kienx applika ghal dan il-post u semma li shabu qalulu li kien applika u dahal wiehed minn barra.

Xehed Charles Kitcher li jahdem mal-Works Department li qal li bejn l-1978 u l-1985 kien jahdem mal-Kalaxlokk u lir-rikorrent jiftakru sew. Semma li r-rikorrent kien Storeman izda kien jaghmel xoghol ferm superjuri ghal dak tar-rank tieghu. Qal li r-rikorrent kien jahdem fuq stock control biex jara l-ordnijiet li kien hemm bzonn isiru u kien jaghmilha wkoll ta’ skrivan li kien jiehu hsieb tal-bzonnijiet tal-stores kollha. Qal ukoll li hu kien sekondat mal-Kalaxlokk bhal ma kien ir-rikorrent u spicca minn mal-Kalaxlokk qabel ir-rikorrent.

Xehed Edwin Mamo Administration Manager mal-Kalaxlokk li qal li l-Kalaxlokk twaqqfet f’April 1986 u l-iskop kien li jitwaqqaf il-Freeport u kien hemm 1910 haddiem bejn tal-Gvern u sekondati mal-kumpanija. Qal li f’ Dicembru 1986 kien gie deciz mill-Bord tad-Diretturi li kellhom jitnaqqsu l-haddiema u fil-fatt fit-2 ta’ Jannar 1987 kienu gew mibghuta lura mal-Gvern Perit u ftit wara Senior Officer, Technical Officer u Manager. Qal li b’ rata konsistenti beda jitnaqqas in-numru ta’ haddiema li kienu sekondati minn mal-Gvern u li r-rikorrent messu wara madwar 75 impjegat iehor. Spjega li l-ewwel fil-lista tal-haddiema li bdew jigu tterminati mis-secondment kienu f’ supervisory grades, skrivani, u l-ahhar fil-lista kienu d-drivers, fitters u surveyors. Qal li sa Dicembru 1992 kien baqa’ 700 haddiem li minnhom 18 biss kienu sekondati minn mal-Gvern. Semma li f’Novembru 1994 il-haddiema li kien baqa’ kienu sekondati mal-Kumpanija Novita u fl-

1998 il-Kumpanija Novita irritornat il-haddiema kollha lura lejn il-Kumpanija Kalaxlokk. Qal li llum baqa' 135 haddiema li minnhom wiehed biss hu sekondat minn mal-Gvern.

Zied ighid li s-secondment tar-rikorrent kien terminat fit-23 ta' Mejju 1988. Haddiema li kienu sekondati minn mal-Gvern kienet tinhargilhom allowance ghax il-pagi tal-haddiema tal-kumpanija kienu ahjar. Qal ukoll li ma rrizultax li r-rikorrent kien imexxi l-stores tal-Kumpanija peress li l-persuna inkarigata kienet Francis Vella u meta spicca dan kien appuntat Paul Xuereb izda qal li jista' jkun li xi Works Manager tal-Kumpanija kien appunta lir-rikorrent bhala l-persuna nkarigata minn sub-store ta' sezzjoni. Zied ighid ukoll li r-rikorrent qatt ma kien in charge mill-General Stores. Qal li r-rikorrent kien Works Technical Officer u ghalhekk ma kellux il-grad sufficjenti ghal Stores Manager. Qal li n-nies li bdew jigu sekondati mal-Kalaxlokk bdew jigu sekondati ghall-habta tal-1982/1983. Spjega li l-General Stores kienu l-main stores li kienu jitmexxew minn Manager. Qal li kull Works Manager kien ikollu stores ghalih u r-rikorrent seta' kien wiehed minnhom. Qal ukoll li t-tnax-il lira fix-xahar li semma r-rikorrent ma kenitx l-allowance imma kienet zieda dovuta fil-kariga li kien ha.

Xehed Mario Borg Administration Officer mal-Kalaxlokk u ilu mal-Kalaxlokk mill-1983. Qal li l-grad ta' Senior Storekeeper qatt ma kien jezisti mal-Kumpanija. Qal li r-rikorrent kien Works Technical Officer u kien imexxi sezzjoni zghira mill-stores u qal li l-General Stores kien immexxi minn Frans Vella. In kontro ezami qal li l-policy tal-Kumpanija kienet biex wiehed imexxi l-stores generali jrid ikun Manager.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi dan it-Tribunal fit-8 ta' Marzu 2001 iddecieda dwar l-ecezzjoni li l-kaz ma jirrigwardax trasferiment izda terminazzjoni ta' secondment u bhala tali t-terminazzjoni tezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal billi wasal ghall-konkluzjoni li l-kaz ma kienx ta' terminazzjoni ta' impjieg tant li r-rikorrent ma spiccax unemployed u anqas seta' r-

rikorrent imur quddiem it-Tribunal ghar-Relazzjonijiet Industrijali izda kien jirrigwarda trasferiment lura f' dipartiment li ghalhekk kien ta' kompetenza tat-Tribunal u ghalhekk cahad l-eccezzjoni sollevata mill-intimat.

Irrizulta li r-rikorrent kien haddiem dedikat u jaghmel xoghol superjuri ghall-grad tieghu u li ma kienx hemm ilmenti dwaru. Irrizulta pero` li kienet ittiehdet decizjoni sa mill-1986 li n-numru ta' haddiema mas-socjeta` intimata kellu jonqos notevolment u li allura d-decizjoni li r-rikorrent jigi trasferit lura kienet in linea ma' tali decizjoni. Illi ghalhekk ir-rikorrent ma ghandux dritt jilmenta fuq il-fatt li gie trasferit lura ghalkemm dan it-Tribunal ihoss li bhala bniedem kompetenti u li jaghmel xoghol superjuri ghall-livell tieghu d-decizjoni li jigi trasferit lura daqshekk kmieni fil-lista kienet wahda ingusta fir-rigward tar-rikorrent li facilment setghu jigu trasferiti lura haddiema ohra qablu b' mod li kien idum xi sena aktar sekondat mal-kumpanija intimata. It-Tribunal jirrileva pero` li ghalkemm ir-rikorrent talab is-somma ta' Lm3700 fil-fatt bl-ammont ta' Lm12 fil-gimgha ghal sena l-ammont m' ghandux jissupera l-Lm500.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal wara li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata jqis li r-rikorrent ghandu jkollu dritt ghal kumpens izda kif imsemmi hawn fuq u ghalhekk peress li jsib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' hames mitt Lira (Lm500).

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------